# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

GUDIKATUR
**AVV. DR. KEVIN CAMILLERI XUEREB**

Avviz tat-Talba nru. **257/2014**
fl-ismijiet:

**BUSUTTIL GEORGE *ET***

***VERSUS***

**DEGUARA SAVIOUR *ET***

**Illum, it-Tnejn, 24 ta' Jannar, 2022**

It-Tribunal,

Ha konjizzjoni ta' l-atti ta' din il-kawza, partikolarment ta' dak registrat fil-verbal tal-udjenza tas-17 ta' Novembru, 2021 (*a foll*. 175–176) fejn kien hemm, *inter alia*, domandat hekk: "*Dr. Louise Pulis, ghall-Konvenuti Agius, tirrileva illi l-Atturi ipproducew bhala xhieda lil Joseph Formosa, il-Perit Randolph Bartoli u lill-Perit Robert Borg Hayman, li ma kienux elenkati bhala xhieda fl-Avviz tat-Talba, u ghalhekk titlob li d-depozizzjonijiet taghhom jigu sfilzati mill-process. Dr. Pio M. Valletta, ghall-Konjugi Micallef, jaderixxi ruhu mat-talba registrata mill-Avukat Dr. Louise Pulis, filwaqt li Dr. Albert Zerafa, ghall-Konvenuti konjugi Deguara u ghall-kjamata in kawza, jirrimetti ruhu*.";

Peress li d-difensur tal-parti attrici ma kinitx attendiet f'tali udjenza, gie verbalizzat dan: "*In vista tal-fatt illi d-difensur tal-parti attrici ma tinsabx prezenti, u allura ma tistax tirregistra twegiba ghal dak imqanqal minn Dr. Louise Pulis, it-Tribunal jakkorda lill-istess parti zmien 20 jum kurrenti millum sabiex twiegeb ghal dak rilevat f'din l-udjenza permezz ta' risposta*.";

Ra r-Risposta ta' l-atturi mressqa fis-7 ta' Dicembru, 2021 (*a foll*. 187–188), illi permezz taghha, u ghall-motivi fiha mfissra, l-atturi jikkontendu li t-talba ghal sfilz m'hix meritevoli t'akkoljiment u li ghalhekk ghandha tigi rigettata;

It-Tribunal jikkunsidra;

Il-prezenti huwa digriet skatenat mit-talba maghmula mill-konvenuti konjugi Agius *seduta stante* fl-udjenza tas-17 ta' Novembru, 2021, liema talba, hekk kif testwalment muri *supra*, trid li d-deposizzjonijiet ta' zewg xhieda u zewg rapporti *ex parte* guramentati minn perit arkitett, imressqa mill-atturi bhala evidenza, jigu sfilzati mill-atti processwali ta' din il-kawza. Ir-raguni

wara l-isfilz relattiv tkun illi tali tlett xhieda ma kienux imnizzla u indikati mill-atturi fl-Avviz tat-Talba taghhom, fil-parti rilevanti tieghu.

Id-deposizzjonijiet u dokumenti li taghhom qed jintalab l-isfilz huma dawn:

(a) ix-xhieda tal-perit A.I.C. Randolph Bartoli moghtija fl-udjenza tal-15 ta' Ottubru, 2018 (*a foll*. 75–77);
(b) ix-xhieda ta' Joseph Formosa moghtija fl-udjenza tat-28 ta' Mejju, 2019 (*a foll*. 111–113); u
(c) ir-rappot *ex parte* mahluf mill-perit A.I.C. Robert Borg Hayman datat 10.03.2017 (*a foll*. 66–70) u r-rappot *ex parte* mahluf mill-istess perit datat 30.04.2017 (*a foll*. 72–73), entrambi ezibiti permezz ta' nota fl-udjenza tal-15 ta' Ottubru, 2018.

Illi dwar dan id-deskritt episodju, it-Tribunal ghandu is-segwenti osservazjonijiet bhala preambolu qasir.

Bhala rimarka generali, jigi maghdud li l-interpretu tal-ligi, u anke dak li hu msejjah ihaddimha, ma jistax jakkordalha tifsira, jew iwettaq applikazzjoni taghha, addizzjonali jew diversa mir-rieda palezi imposta mill-legislatur. Fi kliem iehor, ma jistghux jinholqu sitwazzjonijiet guridici li m'humiex legislattiviment kontemplati.[1] Kif antikament maghruf, *quod lex voluit, lex dixit* u *quam lege non distinguit, nec nos debemus distingure* u anke illi *ubi nulla ambiguitas verborum est, non est facienda voluntas quæstio*.[2] Fid-dawl ta' tali principji, tant radikali u inklukati fl-ordinament domestiku, issir referenza ghad-decizjoni *in re* **Daniela Mizzi v. Duncan Peter Mizzi** (Appell Superjuri, 28 ta' Marzu, 2014) li fiha inghad li, "*Quod lex voluit lex dixit, u ghalhekk mhux legalment konsentit li l-ligi tigi interpretata jew applikata b'mod li tmur kontra t-termini espressi taghha*." Inoltre, *in re* **Emanuel Mallia v. L-Awtorita ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar** (Appell Inferjuri, 11 ta' Lulju, 2016) intqal li, "*l-legislatur wera b'mod car l-intenzjoni tieghu li ma hiex suxxettibbli ghal ebda interpretazzjoni b'mod li titqies tinkludi dak li mhux espressament inkluz mill-legislatur. Il-ligi ghandha tigi applikata u interpretata fil-*

[1] Mill-ottika tad-duttrina legali, skond l-awtur **FRANÇOIS LAURENT** ("Principii di Diritto Civile" Vol. I, Milano 1889; §30, pp.51–52), "*dal momento che le forme costituzionali sono state osservate, la legge esiste e il giudice è tenuto ad applicarla. La legge è l'espressione della sovranitá nazionale; come tale, essa obbliga i tribunali al pari de' privati. Quando si dice che il giudice è legato dalla legge, s'intende ch'esso non ha il diritto di sottometterla ad un controllo, che non gli è permesso d'esaminare se essa è in armonia con i principii del giusto o dell'ingiusto che Iddio ha scolpiti nella nostra coscienza. Di certo il legislatore deve usar diligenza perchè le leggi ch'esso emana non violino la giustizia eterna. Se egli facesse una legge ingiusta, questa mancherebbe d'autoritá morale; ma ciò non dispenserebbe il giudice dal doverla applicare. Se il giudice potesse giudicare la legge, se esso potesse rifiutarsi di farne l'applicazione, la legge non sarebbe piú quel che essa deve essere, una regola obbligatoria per la societá tutta intiera; non vi sarebbe piú legge*." L-imsemmi awtur jislet mill-Qorti ta' Kassazzjoni Franciza (sentenza tal-25 ta' Mejju, 1814) fejn fiha jinghad illi, "*Non appartiene punto ai tribunali di giudicare la legge, essi debbono applicarla tale qual'è, senza che loro sia giammai permesso di modificarla o di restringerla per nessuna considerazione, imperiosa che sia* " (*ibid*. p.52). Osservazzjonijiet simili huma mhaddna fis-sentenza *in re* **Neg. John Coleiro ne v. Onor. Dr. Giorgio Borg Olivier ne et** (Prim'Awla, 22 ta' Gunju, 1957) fejn inghad illi, "*Il giudice deve applicare la disposizione quand'anche gli sembrasse ingiusta. "Dura sed lex". Il giudice è istituito per giudicare secondo la legge. Permettere al giudice di non applicare la legge quando la trova iniqua sarebbe sostituirla colla coscienza del giudice e sostituire l'arbitrio di lui alla volontá del legislatore (persone I, §236)*." Fl-istess decizjoni hemm citat b'approvazzjoni l-awtur **FORAMITI**, li jsostni, *inter alia*, illi, "*i sudditi hanno l'obbligo di soffrire gli inconvenienti che possono risultare da alcune leggi ingiuste, piuttosto che esporre alla ribellazione lo stato ad essere rovesciato (Enciclopedia Legale, Vol. III, voce "Leggi", pag.238, col.2a)*." Inoltre, "*appartenendo al potere giudiziario la sola applicazione delle leggi ai casi speciali che formano oggetto delle controversie, non è di sua competenza di incaricarsi delle conseguenze che ne derivano da siffatte applicazioni* " (**Gollcher v. Ostmann**, Qorti tal-Kummerc, 1 ta' Marzu, 1866).
[2] Dan l-ahhar principju hu rispekkjat fl-Art. 1002 tal-Kodici Civili.

*parametri tat-termini taghha u fid-dawl tal-massima legali quod lex voluit lex dixit.*" Minn tali ottika allura tohrog ir-regola bazilari illi norma espressa u pozittiva ta' Dritt trid tigi segwita *ad unguem* kif inhi. Dan huwa applikabbli aktar u aktar meta si tratta ta' normi ta' procedura. Il-ligi procedurali hi ta' ordni pubbliku u ghandha tigi segwita *ad litteram* u *ad unguem* u din ma tistax tigi suplantata b'xi forma ta' ekwipolenza jew prassi ohra. Kif akkolt fil-gurisprudenza Maltija, l-ligijiet u n-normi ta' procedura "*si debbono osservara alla lettera e non per equipollens*" (*vide* d-decizjoni riportata f'*Kollezz*. **Vol.XVIII–I–879**). Ma' dan jizdied biss it-taghlim riportat fis-sentenza *in re* **Tabiba u Kirurga Anne Cremona Barbaro v. Prof. Edwin J. Costanzi noe** (Appell Superjuri, 14 ta' Awissu, 1975; mhux pubblikata) fejn hemm asserit li, "*l-ebda prattika ghalkemm kostanti, ma tista' tmur kontra l-espressa disposizzjoni tal-ligi, u l-prattika ma tistax tipprevali fuq dak li tiddisponi l-ligi*" u "*l-ebda prattika ma tista' thassar dak li l-ligi tiddisponi.*" Minn dan johrog illi fejn il-Ligi tiddisponi dwar haga b'mod car u esplicitu, is-soggett passiv taghha ghandu josservahha u japplikaha kif inhi, mentri fejn il-Ligi hija siekta, hemm konsentit certa latitudini diskrezzjonali fl-applikazzjoni taghha, purkè illi l-istess diskrezzjoni tigi mhaddma *rite et recte*, b'ghaqal, b'diligenza u bi prudenza.[3]

Fid-dawl ta' dak hawn fuq premess b'introduzzjoni qasira, jigi sottomess illi kwalsiasi procediment gudizzjarju ghandu dejjem jimxi skond il-qafas ritwali li minnu jorigina jew li minnu huwa intimament dipendenti. Ghalhekk, quddiem il-qrati superjuri hemm qafas procedurali appozitu li mieghu l-kontendenti ghandhom jikkonformaw ruhhom biex iwellduh u jattwawh, kemm minn aspett ta' forma u ta' formalità u kif ukoll minn aspett ta' sostanza. L-istess japplika quddiem il-qrati, hekk denominati, inferjuri, bhal m'huma l-Qorti tal-Magistrati (fil-kompetenza civili Taghha), il-Bordijiet specjalizzati u t-Tribunali partikolari l-ohra. Dawn ilkoll ghandhom regoli ritwali appoziti u *ad hoc* ta' kif jezigu t-tnissil tal-process gudizzjarju; kollha ghandhom in-normattivi partikolari li jirregolaw l-instawrament tal-kontradittorju relattiv; u kollha jipposjedu normi dwar l-andament ritwali tal-procediment quddiemhom.

Ghalhekk, certu regoli ritwali, legislittivament u intrinsikament, applikabbli specifikatament ghal procediment gudizzjarju partikolari ma jistghux jigu awtomatikament estizi ghal iehor u *vice versa*, jew applikati b'mod indiskriminat wiehed b'iehor jew imhaddma b'manjiera leggera jew b'xi forma ta' ekwipolenza.

Issa, mill-precetti legali introduttivi t'hawn fuq, it-Tribunal jghaddi ghall-ispecifiku tal-vicenda processwali *de quo agitur* u josserva kif gej.

Il-konvenuti konjugi Agius iridu li zewg deposizzjonijiet u zewg rapporti peritali *ex parte* li fuqhom ittiehed gurament jigu mnehhija mill-atti ta' din il-kawza peress li l-atturi li ressquhom ma kienux indikaw tali xhieda fl-att promotur li ta origini ghal din il-kawza. Ghalhekk, il-konvenuti konjugi Agius jikkontendu illi galadarba xhud ma jigix formalment senjalat fl-Avviz tat-Talba, dan ma jistax jitressaq matul il-kors tal-kawza sabiex jixhed jew sabiex iressaq xi evidenza.

---

[3] In fatti ma jkunx futili li jigi mfakkar illi, "*nel fare uso della discrezione accordata è mestiere che risulti essere giusta, e fatta con discernimento e giudiziosamente secondo l'esigenza del caso e lo spirito della legge. Di fatti la discrezione secondo i dottori non è che 'discernere per legem quid sit justum'.*" (**Negte. Francesco Saverio Caruana v. Onor. Negte. Emmanuel Scicluna *nomine***, Appell Kummercjali, 16 ta' Frar, 1876 riportata f'*Kollez.* Vol.VII–522). Ma' dan jizdied jinghad illi, "*a person in whom is vested a discretion must exercise his discretion upon reasonable grounds. A discretion does not empower a man to do what he likes merely because he is minded to do so – he must in the exercise of his discretion do not what he likes but what he ought. In other words, he must, by the use of his reason, ascertain and follow the course which reason directs. He must act reasonably*" (*cfr.* **H.W.R. WADE & C.F. FORSYTH**, "Administrative Law", Butterworths, 10th edition, p.295). Ara wkoll **Alfred Vella v. Ministru tal-Gustizzja u tal-Intern** (Tribunal Amministrattiv, 28 ta' Settembru, 2015).

Mill-ewwel jinghad li l-konvenuti konjugi Agius m'ghandhomx ragun f'din it-talba taghhom ghall-isfilz. Il-posizzjoni erronja ta' l-imsemmija konvenuti tinsab fuq diversi livelli, liema livelli ser jigu gradwalment esposti u deskritti *infra*.

Ghat-Tribunal, meta l-Ligi riedet li xhud mhux dikjarat jew li ma jigix indikat fil-lista ta' xhieda ma jithalliex jiddeponi, salv ghal xi cirkustanzi partikolari (liema cirkostanzi huma wkoll esplicitament regolati mill-Ligi[4]), dan qalitu b'mod dirett u espress. Ma jistax jinghad peró, li fil-Ligi u fir-Regolamenti li joholqu lil dan it-Tribunal u li jsawwru l-funzjonament Tieghu, hemm regola simili jew analoga (kif hemm fil-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta). L-imsemmija regola hija rizervata solament ghal procedimenti li jinbdew permezz ta' rikors guramentat.[5] Tant kemm dan huwa tassew minnu, lanqas quddiem il-Qorti tal-Magistrati (kompetenza civili) u f'kawzi ta' natura kostituzzjonali jew konvenzjonali m'hemm htiega legali ta' elenku jew lista dikjarattiva tax-xhieda li talvolta jkunu ser jigu prodotti fil-kors tal-procediment. Ikun kemmxejn awdaci ghal dan it-Tribunal illi jistenna jew li jghid li Quddiemu hemm din l-istess solennità.

Il-Ligi li tnissel u li tirregola lil dan it-Tribunal, f'diversi bnadi taghha, taghti lok ghal anqas rigur u formalizmu tant illi fl-ewwel sub-inciz ta' l-Art. 9 tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta hemm specifikat li l-"*ġudikatur jirregola l-proċedimenti quddiem Tribunal kif ikun jidhirlu xieraq skont id-dettami tal-ġustizzja naturali*" u mbagahd taht it-tielet sub-inciz ta' l-istess disposizzjoni hemm dispost illi, "*Ebda proċediment quddiem it-Tribunal ma jkun invalidu minħabba fin-nuqqas ta' tħaris ta' xi formalità sakemm wieħed ikun mexa b'mod konformi kemm jista' jkun ma' dan l-Att jew mar-regoli magħmula taħtu.*" Din hija s-sinsla li tanima kawza quddiem dan it-Tribunal, purkè dejjem jinghata r-rispett li jixraq lill-procediment gudizzjarju u li kawza titmexxa bid-debita serjetà.

Imkien fil-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta u fil-Ligijiet Sussidjarji mieghu konnessi m'hemm disposizzjoni li tghid li xhud mhux dikjarat m'ghandux jithalla jixhed fil-procediment dinanzi ghat-Tribunal, hekk kif asserit fil-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta taht l-Art. 156(4) li b'mod esplicitu jordna li, "*L-attur għandu wkoll jagħti mad-dikjarazzjoni l-ismijiet tax-xhieda li jkun bi ħsiebu jġib, filwaqt li jiddikjara dwar kull wieħed minnhom x'fatti u xi prova bi ħsiebu jagħmel bix-xiehda tagħhom*", liema ordni hi partikolarment enfasizzata fis-seba' sub-inciz ta' l-indikat Artikolu meta – salv dak statwit fil-*proviso* relattiv – jinghad li, "*Ir-reġistratur ma għandu jirċievi ebda rikors ġuramentat li ma jissodisfax l-elementi tas-subartikolu (1) u l-qorti ma għandha tħalli lil ebda xhud jinġieb sakemm dan ma jkollux ismu mniżżel flimkien mar-rikors*."

Episodju simili, cioé l-intromissjoni ta' xhud f'kawza li ma kienx originarjament elenkat/indikat fil-lista ta' xhieda fl-Avviz tat-Talba f'kawza quddiem dan it-Tribunal, kien gie dibattut mill-Qorti tal-Appell fil-gurisdizzjoni inferjuri Taghha (propju minn appell Quddiemha minn digriet bhal dak li qed jinghata lum). Infatti, fis-sentenza *in re* **Victor Muscat v. Jelad Almani**, moghtija fit-22 ta' Novembru, 2016 intqal hekk: "*Dwar id-digriet tat-18 ta' Frar, 2015 (fol. 35), it-Tribunal għal Talbiet Żgħar mhuwiex marbut bir-regoli stretti tal-Kap. 12 ħlief fejn il-liġi tipprovdi espressament mod ieħor. Skont l-Artikolu 9(1) tal-Kap. 380 it-Tribunal hu ħieles li jirregola l-proċeduri tiegħu stess, diment li ma jiksirx ir-regoli tal-ġustizzja naturali. Għalhekk it-Tribunal ma kiser l-ebda regola proċedurali u kien qiegħed sempliċiment jeżerċita d-diskrezzjoni tiegħu*

---

[4] Bhala ezempju, fost bosta, ssir referenza ghas-sentenza *in re* **Silvio Mifsud et v. Claude Azzopardi** (Appell Superjuri, 28 ta' Novembru, 1984) li fiha jinghad li l-Qorti ghandha l-fakoltà li tordna jew tippermetti s-smigh ta' kull xhud iddikjarat jew le, li fid-diskrezzjoni taghha jidhrilha li jkun relevanti u mehtieg ghall-ahjar istruzzjoni tal-kawza u fl-ahjar interessi tal-gustizzja.

[5] *ex* Art. 156(7) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Anki hemmhekk, il-Qorti tkun tista', skond certu cirkostanzi, tisma xhud mhux dikjarat/indikat.

*fl-ambitu tas-setgħat mogħtija lilu mil-liġi.*" Dan it-Tribunal jaqbel ma dan l-insenjament u mieghu – salv dak li ser jigi aggjunt aktar 'l isfel – m'ghandu xejn x'jikkummenta. Addizzjonalment, istanza analoga ghal dik odjerna giet recentement diskussa minn dan it-Tribunal, diversament presedut, fid-digriet *in re* **Daniel Borg noe v. Franco Zammit pro et noe**, moghti fis-26 ta' Ottubru, 2021 illi ghalih dan it-Tribunal jirreferi bla htiega li jikwota minnu.

Ghalhekk, fuq dan il-pjan, it-talba maghmula mill-konvenuti konjugi Agius fl-udjenza tas-17 ta' Novembru, 2021 ghandha tfalli.

It-Tribunal josserva ulterjorment;

Ma jistax ma jigix innutat illi l-evidenza partikolari li taghha qed jintalab l-sfilz, sehhet madwar tlett snin qabel it-talba ghar-rimozzjon taghha; cioè xhieda moghtija fl-udjenza tal-15 ta' Ottubru, 2018 u zewg dokumenti mahlufa ezibiti fl-istess imsemmija udjenza u xhieda moghtija fl-udjenza tat-28 ta' Mejju, 2019.

Fl-udjenza tal-15 ta' Ottubru, 2018 – hekk kif jixhed l-verbal ta' l-udjenza relattiva – id-difensur tal-konvenuti konjugi Agius, ghal xi raguni, ma kinitx prezenti. Hawnhekk tikkalza perfettament dik l-osservazzjoni maghmula fid-decizjoni *in re* **Raymond Cauchi et v. Kontrollur tad-Dwana** (Court of Appeal, 15th December, 2015) fejn gie asserit li, "*huwa palezi li l-partijiet f'kawza ghandhom l-obbligu li jsegwu l-kawza b'mod diligenti u li jattendu ghall-udjenza fid-data u fil-hin indikat fl-udjenza precedenti sabiex jinformaw ruhhom dwar dak li jkun qed isir fl-udjenza u dak li jkun qed jigri fil-kawza*." Min-naha l-ohra, id-difensur tal-konvenuti konjugi Agius kienet prezenti waqt l-udjenza tat-28 ta' Mejju, 2019, hekk kif attestat fil-verbal ta' l-istess udjenza. F'din l-udjenza kien xehed, *inter alia*, Joseph Formosa illi qed jintalab l-isfilz tax-xhieda tieghu. La qabel ma ha l-pedana tax-xhieda u lanqas waqt ma kien hemm xi oggezzjoni ghal tali xhud.

Il-fatt wahdu li t-talba ghall-isfilz qed issir wara numru ta' snin u wara numru ta' udjenzi mizmuma quddiem dan it-Tribunal wara li l-imsemmija deposizzjonijiet u r-rapporti *ex parte* guramentati gew prodotti ifisser biss, ghal dan it-Tribunal, li kien hemm leggerezza, passività u traskuragni fl-andament tal-kawza da parti tal-konvenuti Agius u/jew tad-difensur taghhom.

Hawnhekk isir rikjam ghall-kawza *in re* **Avv. Dr. Joseph Zammit McKeon noe v. Laferla Insurance Agency Limited** (Appell Superjuri, 30 ta' Ottubru, 2015). Fiha kien inqala episodju li kien jitratta, *inter alia*, il-kwistjoni sollevata mill-konvenuta dwar l-awtenticità o meno ta' certu dokumenti ezebiti mill-attur *nomine* snin qabel ma tqanqlet in-nullità taghhom u anke fejn intalab l-isfilz relattiv. Fiha kien inghad hekk: «*Din il-Qorti indubbjament tara dan l-agir censurabbli u huwa sintomatiku ghaliex certi kawzi jdumu aktar mid-dovut biex jaslu ghat-tmiem taghhom. Ladarba s-socjetà appellata naqset milli taghmel it-talba taghha fis-seduta sussegwenti jew ghall-inqas fis-seduti li gew immedjatament wara, ma jistax ikun illi tali attegjament ma jkunx ikkunsidrat biss bhala mezz biex il-kawza titwal indebitament. Ghalhekk fl-imghoddi din il-Qorti qieset tali nuqqas ta' azzjoni bhala accettazzjoni tal-istat ta' fatt li jkun ezistenti fl-atti tal-kawza sa dakinhar (vide ssentenzi citati mill-appellanti sija pure dwar kwistjonijiet differenti; Galea v. Camilleri, 1 ta' Lulju 2005 fejn dwar ilment li tqajjem fis-sede tal-Appell il-Qorti qalet hekk: "L-ilment imqajjem illum f'dan ir-rikors ta' appell baqa' ma tqajjem qatt quddiem l-ewwel Qorti u dan nonostante li kienu saru diversi seduti quddiem dik il-Qorti, qabel ma l-kawza giet deciza fil-5 ta' Marzu, 2002. L-atturi pprocedew ghall-atti successivi u pprezentaw in-nota ta' sottomissjonijiet taghhom minghajr ma qatt qajmu din il-kwistjoni quddiem l-ewwel Qorti – b'hekk l-ilment taghhom mhux gustifikat ..." u Euroweb v. Awtorità ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni, Appell Inferjuri 22 ta' Novembru 2006). Il-principju li ghandu*

*johrog minn dawn is-sentenzi huwa li t-talbiet tal-partijiet dwar l-andament tal-kawza ghandhom ikunu tempestivi u mhux isiru meta l-kawza tkun waslet fi stadju ulterjuri jekk mhux addirittura avvanzat u waslet biex tigi deciza – jew aghar minn hekk kif gara fiz-zewg sentenzi appena citati, l-ilment jitressaq fi stadju ta' appell meta seta' tressaq ferm aktar qabel. Fil-kaz in ezami, certament it-talba tal-appellata messha saret hafna qabel*.»

Difficli ferm li dan it-Tribunal jirrepeti l-elokwenza li biha l-Qorti ta' l-Appell fissret il-posizzjoni legali fl-appena citat bran. Dak li huwa cert huwa li talbiet dwar l-andament tal-proceduri jridu jkunu tempestivi u dejjem maghmula f'waqthom peress li fin-nuqqas, il-passività jew l-inattività sparsa fuq mhedda ta' zmien (li ma jkunx negligibbli) jitqies solament bhala akkwijixxenza ta' dak l-istat ta' fatt. Ghalhekk, il-mghodija taz-zmien akkumpanjat ma' l-inattività ta' dik il-parti interessata jafu jissigillaw stat ta' fatt partikolari precedenti u jitramutawh f'wiehed validu u legittimu ghall-process gudizzjarju *in corso*, li ma jkunx jista' jigi mibdul jew skonvolt.

B'dan maghdud, ma jkunx inopportun li jigi senjalat is-segwenti taghlim mill-qrati taghna f'materji analogi ghal dawk odjerni, u cioè:

**(a)** *in re* **Joseph Attard noe v. Av. Dr. Rene A. Cremona et noe** (*Kollez*. Vol.XLIX(E)-III-1154). Ghalkemm il-materja kienet diversa, l-ispirtu tas-segwenti silta tista' tittiehed bhala punt ta' riferiment siewi: "*L-attur fin-nota tieghu fol.53 eccepixxa preliminarjament li l-kopja tas-sentenza esibita ma ghandha ebda forza probatorja billi m'hix awtentikata mill-konslu Ingliz a tenur tal-artikolu 628 tal-Kodici tal-Procedura Civili. Ma jidhirx li n-nuqqas tal-awtentikazzjoni da parti tal-konslu Ingliz tista' tkun ta' ostakolu ghall-effett probatorju tal-kopja tas-sentenza esibita mill-konvenut. Skond kif irriteniet il-Qorti tal-Appell tal-Maestà Taghha in re 'Dottor Massimiliano Debono vs. Bernardo Zammit' 15 ta' April, 1929 Kollez. Vol. XXVII P.I pag.810, jekk certi atti fosthom dawk ta' Qorti estera, ghandhom bzonn l-awtentikazzjoni mill-konslu, Brittaniku, tal-post fejn ikunu gew emanati, dan ifisser illi jekk ikunu sprovvisti minn dina l-awtentikazzjoni ghandhom bzonn ta' prova tal-awtenticità taghhom barra dik li tirrizulta minnhom inifishom, u din il-prova tista' tigi desunta mill-fatt illi min ikun oppona ghall-ammissibilità taghha jkun ghamel riferiment esplicitu ghaliha f'xi nota tieghu: 'Atteso che si fatta prova nella specie trovarsi fornita dallo stesso convenuto il quale avendo nella sua nota a fol. fol.158 fatto esplicito riferimento in sostegno della sua tesi ai documenti in questione venne ad ammetterne l'autenticità' (pag. 812 sentenza citata)*.";

**(b)** *in re* **Maggur Joseph Thomas Arrigo ne v. Neg. Joseph Stellini pro et ne** (Appell Civili, 20 ta' Gunju, 1960). Dan kien kaz fejn il-konvenut ittenta jattakka l-validità ta' perizja gudizzjarja fuq il-motiv li l-perit gudizzjarju ma kienx gie nominat permezz ta' digriet. Dwar dan l-aspett procedurali, il-Qorti ta' l-Appell kienet affermat hekk: "*Ghalkemm ghar-regolarità tal-procedura l-Ewwel Qorti messha kkonfermat b'digriet in-nomina ta' Falzon bhala perit, mhuwiex il-kaz li l-appellant jikkontesta f'dan l-istadju l-validità tal-perizja; sew ghax jidher car li l-Qorti fil-fatt kienet irratifikat l-inkarigu moghti lil dak il-perit, sew ghax il-partijiet accettawh, ghamlu l-provi taghhom quddiemu u pprocedew ghall-atti sussegwenti tal-kawza minghajr ma qajmu ebda kwistjoni fl-ewwel istanza fuq in-nomina ta' dak il-perit*." Ta' interess ukoll hi d-decizjoni *in re* **Silvio Mifsud et v. Claude Azzopardi** (Appell Civili, 28 ta' Novembru, 1994);

**(c)** *in re* **Joseph Galea pro et noe v. Maria Camilleri** (Appell Superjuri, 1 ta' Lulju, 2005). Dan kien kaz fejn, fost hwejjeg ohrajn, l-atturi appellanti ppruvaw jattakkaw is-sentenza ta' l-ewwel qorti ghax kellha tittiehed deposizzjoni minn Magistrat Supplenti, izda dan qatt ma espleta l-inkarigu moghti lilu. Ghalhekk l-appellanti sostnew li tali pregudizzju fil-konfront taghhom jista' jigi biss rimedjat bl-annullament tas-sentenza. Il-Qorti ta' l-Appell kienet wiegbet

ghal dan l-aggravju b'din l-osservazzjoni: "*Izda ghandu jigi rilevat illi fis-seduta ta' wara, jigifieri fit-8 ta' Mejju 1998, il-partijiet iddikjaraw illi ma kienx fadlilhom provi u talbu l-fakolta` li jipprezentaw noti ta' osservazzjonijiet. L-ilment imqajjem illum f'dan ir-rikors ta' appell baqa' ma tqajjem qatt quddiem l-ewwel Qorti u dan nonostante li kienu saru diversi seduti quddiem dik il-Qorti, qabel ma l-kawza giet deciza fil-5 ta' Marzu, 2002. L-atturi ipprocedew ghal atti successivi u ipprezentaw in-nota ta' sottomissjonijiet taghhom minghajr ma qatt qajmu din il-kwistjoni quddiem l-ewwel Qorti. B'hekk, l-ilment taghhom mhux gustifikat*.";

**(d)** *in re* **Euroweb Limited et v. Awtorità ta' Malta dwar il-Komunikazzjonijiet** (Appell Inferjuri, 22 ta' Novembru, 2006). Dan kien kaz fejn l-awtorità konvenuta kienet qanqlet aggravju dwar in-nullità tas-sentenza appellata minhabba d-desinjazzjoni erronja tal-Bord indikata mill-atturi fl-atti gudizzjarji minnhom imressqa (indikawh bhala "Tribunal ta' l-Appelli dwar il-Komunikazzjonijiet Elettronici" minflok bhala "Bord ta' l-Appelli dwar il-Komunikazzjonijiet Elettronici"). Il-Qorti ta' l-Appell kienet, *inter alia*, affermat hekk: "*Intant, fir-rigward, l-Awtorità ma ressqet ebda eccezzjoni ta' nullità u, anzi, ipprocediet ghall-atti ohra successivi minghajr ma ssollevat dik in-nullità. Kif maghruf, hu espressament provvdut fis-subinciz (2) ta' l-Artikolu 789 tal-Kapitolu 12 illi tali eccezzjoni ma tistax tinghata fi stadju inoltrat «meta l-parti li taghtiha tkun baqghet taghmel jew, ghad li tkun taf biha, tkun halliet li jsiru atti ohra wara, minghajr ma teccepixxi dik in-nullità»*";

**(e)** *in re* **Lawrence Attard noe v. Lino Cassar noe** (Appell Superjuri, 25 ta' Frar, 2011): «*Fir-rigward tat-talba ghall-isfilz tal-atti kollha li saru wara li Vincent Farrugia ma baqghax jirraprezentaha, kif gie tajjeb rilevat mis-socjetà attrici fir-risposta taghha ghar-rikors surriferit, is-socjetà konvenuta ma gabet l-ebda prova dwar meta l-istess Farrugia ma baqghax jirraprezenta lill-istess socjetà u ghalhekk certament l-ewwel Qorti kellha ragun tichad tali talba. Din il-Qorti terga' tinnota illi d-difensur tal-istess socjetà qatt ma ssolleva l-fatt li Vincent Farrugia ma kienx ghadu direttur tal-istess socjetà. Inoltre s-socjetà konvenuta ma tistax tissolleva din il-pregudizzjali meta hi stess baqghet taghmel atti ohra, bhal produzzjoni ta' xhieda, minghajr ma hadet l-azzjoni opportuna jekk dan kien il-kaz*.»;

Dawn is-senjalazzjonijiet ikomplu jissottolinejaw l-errur fit-talba tal-konvenuti konjugi Agius u kif ukoll huma intizi biex juru l-pwerilità fit-talba tal-konvenuti l-ohra konjugi Micallef u dan peress illi huma, fl-udjenza tas-17 ta' Novembru, 2021, kienu aderew "*mat-talba registrata mill-Avukat Dr. Louise Pulis.*"

Huwa alkwantu anomalu u ferm stramb li l-imsemmija konvenuti konjugi Micallef ukoll, issa, qed jitolbu ghall-isfilz ta' l-imsemmija deposizzjonijiet meta huma stess kienu ghaddew biex wettqu l-kontro-ezami ta' whud minnhom. F'dan is-sens wiehed hu mistieden jara l-kontro-ezami tal-perit A.I.C. Randolph Bartoli waqt l-udjenza tal-15 ta' Ottubru, 2018 (ara *a fol*. 57 u wkoll *a foll*. 76–77). Fl-istess imsemmija udjenza d-difensur tal-konjugi Micallef kien inghata kopja ta' nota mressqa *seduta stante* mill-atturi b'ghad ta' dokumenti maghha annessi, fosthom "Dok: GB.A3" u "Dok: GB.A4". Dawn huma kopja tar-rapporti *ex parte* tal-perit A.I.C. Robert Borg Hayman illi fuqhom ha gurament. Id-difensur tal-konjugi Micallef ma kien qajjem l-ebda ilment dakinhar u lanqas ikkwerela xi haga successivament tramite xi rikors jew fl-udjenza successiva li fihom laqa' kopja tan-nota bid-dokumenti.

Il-fatt li l-istess konjugi Micallef ghaddew biex wettqu atti successivi abbazi tad-deposizzjonijiet u dokumentazzjoni fuq riferiti, certament ma jistax issa jintitolahom li wara *circa* tlett snin u meta huma stess ghaddew biex iressqu il-provi taghhom u sahansitra ghalqu l-provi taghhom (*vide* verbal ta' l-udjenza tat-23 ta' Ottubru, 2019, senjatament *a fol*. 140), huma wkoll jitolbu

(purkè *per via* accessorja) li l-istess deposizzjonijiet minhom implicitament accettati u/jew akkolti bla ebda rizerva issa jitnehhew mill-atti ta' din il-kawza.

Ghalhekk, is-siltiet hawn fuq citati huma twegiba skjetta u sufficjenti, kemm ghat-talba tal-konvenuti konjugi Agius u kif ukoll ghall-adezjoni relattiva da parti tal-konvenuti konjugi Micallef.

Fl-ahhar, jinghad biss illi ghalkemm it-talba taghhom hija manifestament mhux misthoqqa kif hawn fuq senjalat, ma jista' bl-ebda mod jinghad li l-konvenuti konjugi Agius sejrin jigu b'xi mod pregudikat f'din il-kawza l'ghaliex huma ghadhom fil-hin li jikkontrollaw dak kollu li inghad mill-elenkati tlett xhieda tramite l-ghodod procedurali a disposizzjoni taghhom.

**Ghaldaqstant**, it-Tribunal qieghed jiddeciedi u jiddekreta dan l-episodju billi jwarrab u jichad it-talba mressqa mill-konvenuti konjugi Agius waqt l-udjenza tas-17 ta' Novembru, 2021 ghall-isfilz ta' l-imsemmija tlett xhieda/deposizzjonijiet/dokumenti. Naturalment, tali rigett jestendi u japplika wkoll ghat-talba accessorja mwettqa mill-konvenjuti konjugi Micallef.

L-ispejjez ta' dan l-episodju qed jigu rizervati ghal gudizzju finali.

Kopja ta' dan id-digriet ghandha tigi mmedjatament komunikata lid-difensuri tal-partijiet kollha.

***ft*. AVV. DR. KEVIN CAMILLERI XUEREB**
*Gudikatur*

***ft*. ADRIAN PACE**
*Deputat Registratur*